**Il-Parabboli in ġenerali.**

**Minn Dun Paul Sciberras.**

Parabbola hija forma letterarja; mhix rakkont storiku fih innifsu.

***Il-Forom letterarji***. *Dei Verbum,* 12. "Billi Alla fl-Iskrittura Mqaddsa tkellem permezz ta' bnedmin u bi kliem il-bnedmin, min ifisser l-Iskrittura Mqaddsa, biex jifhem sewwa dak li Alla ried jgħarrafna, għandu jfittex b'attenzjoni x'fehmu jfissru l-kittieba sagri u x'għoġbu Alla jgħarrafna bi kliemhom.

Biex insibu l-intenzjoni tal-kittieba sagri għandna nagħtu kas ukoll, fost ħwejjeġ oħra, tal-***forom letterarji***. Għaliex il-verità titqiegħed quddiemna u titfissrilna b'modi differenti, skont jekk it-test ikunx ta' storja jew ta' profezija jew xi forma poetika jew forom oħra ta' espressjoni. Jeħtieġ mela li l-interpretu jfittex is-sens li l-kittieb sagru ried ifisser f'ċirkustanzi determinati, skont il-kondizzjoni ta' żmienu u tal-kultura tiegħu permezz tal-forom letterarji użati dak iż-żmien. Għaliex biex tifhem sewwa dak li l-kittieb sagru jgħid bil-kitba, għandna noqogħdu attenti sew għall-manjieri kif kienu soltu jifhmu jew ifissru rwieħhom jew jirrakkontaw in-nies fiż-żmien tal-kittieb sagru sew għall-mod kif kienu jġibu ruħhom bejniethom il-bnedmin dak iż-żmien.

1) ***Parabbola, metafora, tixbiha ... kollha xorta?* – Il-forma letterarja**

Il-kelma PARABBOLA ġejja mill-verb Grieg *parà-bàllo* = "tqiegħed ħdejn", tqiegħed żewġ oġġetti jew ideat maġenb xulxin biex tqabbilhom jew ixxebbahhom flimkien. L-aktar li noqorbu fil-Malti huwa bil-kelma "tixbiha".

Diġà allura għandna forma letterarja –mod kif nitkellmu u niktbu– li fil-qofol tagħha għandha l-iskop li TQABBEL żewġ affarijiet ma' xulxin. Parabbola mhux biex tittieħed fiha nnifisha imma biex tqabbel.

Għax hi forma letterarja, mhux bilfors li storikament il-ġrajja tal-parabbola tkun ġrat, ngħidu aħna, wieħed Samaritan li għen lil wieħed Lhudi li waqa' f'idejn il-ħellelin; mhux se nsibu l-fdal arkeoloġiku tal-lukanda; jew li kieku kellek tistaqsi min kien il-missier u ż-żewġ ulied tal-parabbola tal-iben il-ħali, kienu jgħidulek "it-tali u t-tali", għax veru eżista storikament.

Imma fid-dinja tar-rakkonti, tal-komunikazzjoni, tat-tagħlim, għandu sehem u influss qawwi ħafna l-kuntest li fih issir il-komunikazzjoni jew ir-rakkont. Għalhekk irridu nagħmlu differenza bejn:

**TIXBIHA**, għax iż-żewġ elementi tal-paragun, dak li qiegħed tqabbel,

MA JKUNUX imqabblin flimkien BISS BHALA EZEMPJU,

u l-paragun ta' bejniethom hu mfisser bil-kliem "BĦAL"

"qiegħed nibgħatkom <u>*bħal*</u> ħrief qalb l-ilpup" [Lq 10,3]; *xi tkun il-ħajja ta' min hu mibgħut jekk tkun bħal ta' ħrief qalb l-ilpup*

"bħal fi żmien Noè, hekk tkun il-miġja ta' Bin il-bniedem" [Mt 24,37]; *x'hemm jixbah il-ħajja fi żmien Noè ma' dak li jiġri fl-aħħar tad-dinja*

**METAFORA**, ħaġa hi mqabbla ma' oħra biex biha titfisser xi KWALITÀ

"Intom il-melħ tal-art", "intom id-dawl tad-dinja" [Mt 5,13.14]

*id-dixxipli għandhom il-kwalità li jdawlu lill-oħrajn*;

"Oqogħdu attenti mill-ħmira tal-Fariżej u ta' Erodi" [Mk 8,15]

*il-kwalità li jinfluenzaw ... ħażin*;

f'San Pawl insibu l-metafora tal-"ġisem ta' Kristu" [1Kor 12,12-27]

*membri differenti jikkontribwixxu għall-funzjoni tajba tal-ġisem sħiħ*;

"il-ġisem bħala tempju" [1Kor 6,19]) ... *fih jgħammar Alla*.

ALLEGORIJA, kompożizzjoni letterarja oħra li fiha l-elementi kollha tagħha, barra s-sens ordinarju tagħhom, ifissru xi REALTÀ OĦRA BARRA dak li hu normalment aċċettat, skont il-fehma tal-awtur

"Jiena jien ir-Ragħaj it-Tajjeb" [Ġw 10,1-18]

*dak li biex jieħu ħsieb lil dawk afdati f'idejh lest li jħalli ħajtu għalihom*;

"jiena d-dielja u intom il-friegħi" [Ġw 15,1-6])

*il-friegħi jieħdu mid-dielja dak kollu li jagħtihom il-ħajja u jagħmlu l-frott skont dak li huma*.

Fl-interpretazzjoni tal-*parabbola*, għalhekk, bħala regola, ma għandniex nitfgħu l-attenzjoni tagħna fuq dettalji li jsebbħu l-parabbola biex jiżviluppawha fi storja, iżda nfittxu t-tagħlima li jkun fehem jagħti l-awtur bl-istorja sħiħa rrakkuntata minn Ġesù. Element wieħed hu l-importanti jew li jiddomina dak li bih l-awtur irid iwassal it-tagħlima tiegħu. Elementi oħra li jidħlu fl-istorja tal-parabbola huma importanti biss biex l-istorja tiftiehem.

Fl-evanġelji, l-parabbola hi

• storja finta, imma hi aktarx meħuda mill-ħajja ta' kuljum (biedja, sajd, raħħala, slaten u sudditi, familja, nisa tad-dar, dejn …);

• hi storja li għandha l-għan li twassal messaġġ wieħed; l-iktar l-iktar tnejn, biex bl-għajnuna ta' tixbihat jagħtu tagħlim *reliġjuż* aktar għoli;

• mill-mod kif tintiseġ, għandha l-iskop ġenerali li tfarfar it-trab mill-kuxjenza jew mill-mod ta' ħsieb ta' min jismagħha: *is-Samaritan it-tajjeb* - "min hu l-proxxmu tiegħi?" – il-Lhud l-oħra bħali (skont Lev 19,18 + Dt 6,5) ➡ kulħadd, saħansitra l-għadu.